

Il-Ġurnal Uffiċjali

ta' l-Unjoni Ewropea

L 240

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51
9 ta' Settembru 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2008 tat-8 ta' Settembru 2008 li jstabilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 875/2008 tat-8 ta' Settembru 2008 li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1962/2006** 3II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

Kummissjoni

2008/720/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Awwissu 2008 li temenda l-Appendiċi B ta' l-Anness VII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam, tal-laħam tat-tjur, tal-ħut u tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib fir-Rumanija (notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 4144) ⁽¹⁾** 5⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

Corrigendum

- ★ Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 149/2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Jannar 2008 billi jistabbilixxi l-Annessi II, III u IV li jistipulaw il-livelli massimi ta' residwi għall-prodotti koperti mill-Anness I tiegħu (ĠU L 58, 1.3.2008) 9
-

Nota lill-qarrej (Ara paġna 3 tal-qoxra)



I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 874/2008

tat-8 ta' Settembru 2008

li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Settembru 2008.

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-9 ta' Settembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾ | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|------------|---------------------------------------|--------------------------------|
| 0702 00 00 | MK | 19,3 |
| | ZZ | 19,3 |
| 0707 00 05 | JO | 156,8 |
| | MK | 64,6 |
| | TR | 106,2 |
| | ZZ | 109,2 |
| 0709 90 70 | TR | 97,2 |
| | ZZ | 97,2 |
| 0805 50 10 | AR | 66,2 |
| | UY | 71,5 |
| | ZA | 74,3 |
| | ZZ | 70,7 |
| 0806 10 10 | IL | 235,4 |
| | TR | 101,9 |
| | US | 158,2 |
| | ZZ | 165,2 |
| 0808 10 80 | BR | 55,2 |
| | CL | 81,8 |
| | CN | 77,6 |
| | NZ | 102,5 |
| | US | 99,9 |
| | ZA | 80,7 |
| | ZZ | 83,0 |
| 0808 20 50 | CN | 60,9 |
| | TR | 138,9 |
| | ZA | 155,9 |
| | ZZ | 118,6 |
| 0809 30 | TR | 136,2 |
| | US | 166,3 |
| | XS | 61,2 |
| | ZZ | 121,2 |
| 0809 40 05 | IL | 137,8 |
| | TR | 56,0 |
| | XS | 62,1 |
| | ZZ | 85,3 |

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffixxata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 875/2008

tat-8 ta' Settembru 2008

li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1962/2006

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Billi:

- (1) Bir-Regolament (KE) Nru 1962/2006⁽¹⁾, il-Kummissjoni imponiet miżuri ta' salvagwardja fir-rigward tal-Bulgarija, fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili, skont l-Artikolu 37 tal-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija, sabiex tindirizza ksur serju tal-funzjonament tas-suq intern tat-trasport bl-ajru, li rriżulta min-nuqqas tal-implimentazzjoni tal-impenji li daħlet għalihom il-Bulgarija fil-kuntest tan-negozjati tal-adeżjoni fir-rigward tal-politika Komunitarja fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni li tikkonċerna l-attivitajiet ekonomiċi b'effetti transkonfinali.
- (2) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja previsti bir-Regolament (KE) Nru 1962/2006, l-awtorità kompetenti tal-avjazzjoni ċivili tal-Bulgarija (minn hawn il-quddiem imsejħa "Is-CAA Bulgara") ipproponiet u ftiehmet, mal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA), dwar pjan ta' miżuri korrettivi mfassla biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet fis-sikurezza identifikati waqt iż-żjarat preċedenti tal-EASA u tal-Awtoritajiet Konġunti tal-Avjazzjoni (JAA).
- (3) Fis-6 ta' Settembru 2007 l-Kummissjoni talbet lill-EASA biex tivverifika l-konformità regolatorja tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Bulgari fir-rigward tal-aspetti kollha tas-sikurezza affettwati mill-miżuri ta' salvagwardja imposti bir-Regolament (KE) Nru 1962/2006, jiġifieri biex tivverifika l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni miftiehem u l-kapaċità tas-CAA Bulgara li timplimenta r-regoli u tiżgura li qed jiġu osservati sew, bħala parti mill-obbligazzjonijiet tagħha ta' superviżjoni.
- (4) Din iż-żjara ta' spezzjoni saret mill-EASA bejn is-26 u t-30 ta' Novembru 2007 bl-applikazzjoni tal-Artikoli 24(1) u (5) u 54 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE⁽²⁾ u skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006 tas-16 ta' Mejju 2006 dwar il-metodi ta' ħidma tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għat-twertiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni⁽³⁾. Wara din iż-żjara, l-EASA ħarġet ir-rapport tagħha fil-15 ta' Frar 2008⁽⁴⁾.
- (5) Fir-rapport tagħha dwar iż-żjara ta' standardizzazzjoni, l-EASA nnutat titjib definittiv: inħarġu l-approvazzjonijiet kollha meħtieġa tal-Parti M, il-Parti 145 u l-Parti 147 u l-liċenzji kollha tal-Parti 66. Inħarġu wkoll, skont ir-rekwiżiti Ewropej, iċ-Ċertifikati tal-Operaturi tal-Ajru, minbarra wieħed. Għalhekk, l-EASA setgħet tagħlaq 44 minn 45 sejba fil-qasam tal-*airworthiness* filwaqt li qajmet 12-il sejba ġdida fir-rigward ta' proċessi ta' superviżjoni kontinwa.
- (6) Fir-rapport tagħha, l-EASA qalet ukoll li miż-żjara ta' spezzjoni preċedenti f'Novembru 2006, is-CAA Bulgara kienet ħadet miżuri drastiċi fir-rigward tal-*airworthiness* tal-inġenji tal-ajru kollha rreġistrati fil-Bulgarija.
- (7) Għalhekk, l-għadd ta' inġenji tal-ajru fir-reġistru Bulgaru naqas kważi bin-nofs minħabba t-tneħħija mir-reġistru tal-inġenji tal-ajru b'disinn eks-Sovjetiku li jaqgħu taħt l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 216/2008. Is-CAA Bulgara ħadet ukoll azzjonijiet biex tillimita jew tirtira l-approvazzjonijiet u ċ-ċertifikati li mhumiex konformi. L-għadd ta' spetturi tal-*airworthiness* kontinwa żdied minn tmienja għal tnax (b'żieda ta' tliet ħaddiema ġodda ta' appoġġ). Barra dan, matul l-aħħar sena kien hemm titjib sinifikanti fiż-żamma tar-reġistri mis-CAA Bulgara, u b'hekk l-ispetturi tal-EASA setgħu jaraw b'mod ċar il-livell tas-superviżjoni. Kien ukoll innotat li s-CAA Bulgara għamlet sforz kbir biex tiżviluppa Manwal għall-Ispetturi li jkopri r-rekwiżiti rilevanti ma' listi ta' kontroll assoċjati li għandhom jintużaw mill-applikanti

⁽²⁾ ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 129, 17.5.2006, p. 10.⁽⁴⁾ Ir-Rapport Finali dwar l-Ispezzjoni ta' Standardizzazzjoni mill-EASA lir-Repubblika tal-Bulgarija, l-Amministrazzjoni Bulgara tal-Avjazzjoni Ċivili, fil-qasam tar-regolazzjoni Ewropea tas-sikurezza tal-avjazzjoni applikabbli fil-qasam tal-*airworthiness* kontinwa, CAW.BG.11.2007 maħruġ fil-15 ta' Frar 2008.⁽¹⁾ ĠU L 408, 30.12.2006, p. 8. Verżjoni kkoreġuta ppubblikata fil-ĠU L 47, 16.2.2007, p. 8.

- għall-ewwel approvazzjonijiet jew tibdil fl-approvazzjonijiet eżistenti. Fl-aħħar, kien dokumentat li twestaq taħriġ komprensiv kemm għall-persunal eżistenti tas-CAA kif ukoll għal dak ġdid, għalkemm xi oqsma bħal ma huma l-approvazzjoni tal-programmi ta' manutenzjoni u affidabbiltà u l-programmi tal-Viżibbiltà Ħażina RVSM ma kinux indirizzati b'mod partikolari.
- (8) Fl-istess ħin, l-EASA ikkonkludiet li aktar titjib, speċjalment fil-qasam ta' ċertifikazzjoni tal-*airworthiness* tal-ajru u tas-superviżjoni kontinwa kien għadu madankollu meħtieġ sabiex ikun irrimedjat in-nuqqas tal-valutazzjoni, mis-CAA Bulgara, tal-effikaċja tas-sistema ta' kwalità komuni għall-operazzjonijiet, il-manutenzjoni u l-liċenzjar tal-ekwipaġġ tat-titjira. B'mod partikolari f'dan il-qasam, l-EASA qajmet sejba waħda ta' nuqqas ta' konformità skont l-Artikolu 13(d) tar-Regolament (KE) Nru 736/2006 li turi tħassib sinifikanti dwar nuqqas ta' konformità mal-istandardizzazzjoni fil-qasam ikkonċernat u li tqajjem tħassib dwar is-sikurezza jekk ma tkunx ikkoreġuta minnufih. Fl-istess waqt xi nuqqasijiet ta' konformità osservati fl-impriżi spezzjonati waqt din iż-żjara biex tkun ivverifikata l-effikaċja tas-superviżjoni eżerċitata mis-CAA Bulgara, ikkonfermaw il-ħtieġa li dawn l-awtoritajiet jipproponu azzjonijiet korrettivi għall-għaxar sejbiet oħra skont l-Artikolu 13(c) biex jirrimedjaw dawn is-sitwazzjonijiet fi żmien 14-il jum.
- (9) Is-CAA Bulgara rreaġixxiet fil-pront u ressqet azzjonijiet korrettivi quddiem l-EASA li kienu implimentati bi qbil mal-EASA. Sabiex tivverifika l-effikaċja tal-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, l-EASA għamlet żjara ta' segwitu fit-8 u fid-9 ta' April 2008 u ħarġet stqarrija tal-għeluq tas-sejbiet skont l-Artikolu 12(b) tar-Regolament (KE) Nru 736/2006 tal-24 ta' April 2008. L-istqarrijiet ippreżentati hemmhekk reġġu ġew emendati f'verżjoni finali mħejjija mill-EASA fil-21 ta' Mejju u li ġiet mibgħuta lill-Kummissjoni fis-26 ta' Mejju 2008.
- (10) Fil-15 ta' Mejju 2008, il-Bulgarija talbet formalment lill-Kummissjoni biex tirrevedi u tneħħi l-miżuri ta' salvagwardja skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1962/2006 u mmotivat it-talba tagħha billi rreferiet għall-istqarrija tal-għeluq tas-sejbiet maħruġa aktar kmieni mill-EASA.
- (11) Skont l-Artikolu 37 tal-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija mal-Unjoni Ewropea, il-miżuri ta' salvagwardja għandhom jinżammu sakemm ikunu strettament meħtieġa u, fi kwalunkwe każ, għandhom jitneħħew meta jiġi implimentat l-impenn rilevanti. Is-suċċess tal-Bulgarija fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet miftiehma titqies li hija suffiċjenti biex tigarantixxi l-kapaċità tas-CAA Bulgara li tiżgura l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-regoli tal-implimentazzjoni tagħha.
- (12) Il-Kummissjoni għalhekk tqis li l-impenn tal-Bulgarija li tapplika bis-sħiħ ir-regoli tal-Komunità fil-qasam tat-trasport tal-ajru ġie ssodisfat u li l-miżuri ta' salvagwardja imposti skont ir-Regolament (KE) Nru 1962/2006 għandhom jitneħħew.
- (13) Skont l-Artikolu 37 tal-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija mal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill fi żmien xieraq qabel tħassar ir-regoli u d-deċiżjonijiet Ewropej li jstabbilixxu l-miżuri ta' salvagwardja, u għandha tqis fil-pront kwalunkwe osservazzjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward. B'konformità ma' dan, il-Kummissjoni infurmat lill-Kunsill fit-22 ta' Lulju 2008.
- (14) Il-Kunsill qabel mal-miżuri proposti fl-24 ta' Lulju 2008, mingħajr kummenti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1962/2006 huwa revokat.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Settembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Antonio TAJANI

Vċi President

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Awwissu 2008

li temenda l-Appendiċi B ta' l-Anness VII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam, tal-laħam tat-tjur, tal-ħut u tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib fir-Rumanija

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 4144)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/720/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Anness VII, il-Kapitolu 5, it-Taqsima B, is-Sottotaqsima I, il-paragrafu (e) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel⁽¹⁾ u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali⁽²⁾ jistipulaw ċerti rekwiżiti strutturali għal stabbilimenti li jaqgħu fl-ambitu ta' dawk ir-Regolamenti.
- (2) L-Anness VII, il-Kapitolu 5, it-Taqsima B, is-Sottotaqsima I, il-paragrafu (a) ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija jstipula li, f'ċerti kundizzjonijiet, ċerti rekwiżiti strutturali stabbiliti f'dawn ir-Regolamenti ma għandhomx japplikaw għall-istabbilimenti fir-Rumanija elenkati fl-Appendiċi B ta' l-Anness VII ta' l-Att ta' Adeżjoni sal-31 ta' Diċembru 2009.
- (3) Sakemm dawn l-istabbilimenti jkunu fi tranżizzjoni, prodotti li joriġinaw minn dawn l-istabbilimenti għandhom jitqiegħdu biss fis-suq domestiku jew jintużaw għal aktar ipproċessar fi stabbilimenti Rumani fi tranżizzjoni.
- (4) L-Appendiċi B ta' l-Anness VII ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ġie emendat mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2007/23/KE⁽³⁾ u 2007/710/KE⁽⁴⁾ u 2008/465/KE⁽⁵⁾.
- (5) Fir-Rumanija, ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam, laħam tat-tjur, ħut u ħalib u prodotti tal-ħalib lestew il-proċess ta' aġġornar tagħhom u issa jinsabu f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni Komunitarja. B'żieda ma' dan, ċerti stabbilimenti waqqfu l-attivitajiet tagħhom. Dawn l-istabbilimenti għalhekk għandhom jitneħħew mil-lista ta' stabbilimenti fi tranżizzjoni.
- (6) L-Appendiċi B ta' l-Anness VII ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għalhekk għandu jiġi emendat skond dan.
- (7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

⁽¹⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1; il-verżjoni kkoreġuta f'ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3.

⁽²⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55; il-verżjoni kkoreġuta f'ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22.

⁽³⁾ ĠU L 8, 13.1.2007, p. 9.

⁽⁴⁾ ĠU L 288, 6.11.2007, p. 35.

⁽⁵⁾ ĠU L 161, 20.6.2008, p. 36.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-istabbilimenti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni tneħħew mill-Appendiċi B ta' l-Anness VII ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Awwissu 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

Lista ta' stabbilimenti tal-laħam, laħam tat-tjur, ħut u ħalib u prodotti tal-ħalib li għandhom jitneħħew mill-Appendiċi B ta' l-Anness VII ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija

Stabbilimenti tal-laħam

| Nru | Approvazzjoni veterinarja | Isem l-istabbiliment | Indirizz |
|-----|---------------------------|-------------------------|--|
| 21 | AR 6119 | S.C. Ropilin Impex SRL | Arad, Str. Calea Bodrogului nr. 20, jud. Arad, 310059 |
| 25 | B 830 | S.C. Romalim SRL | București, 062620 |
| 45 | BH 2010 | S.C. Sarilma Com.SRL | Loc. Sumugiu nr. 15, jud. Bihor, 417279 |
| 81 | BZ 103 | S.C. Neptun Ramnic SRL | Râmnicu Sărat, Str. Eroilor nr. 1, jud. Buzău, 125300 |
| 136 | HD 89 | S.C. Rotina Product SRL | Hunedoara, str. Libertății nr. 4, jud. Hunedoara, 331128 |
| 138 | HD 147 | S.C. Agrocompany SRL | Sântuhalm nr. 123, jud. Hunedoara, 330004 |
| 157 | IL 1122 | S.C. Albora SRL | Coșereni, jud. Ialomița, 927095 |
| 161 | IS 639 | S.C. Marcel SRL | Mircești, jud. Iași, 707295 |
| 162 | IS 1354 | S.C. Razana SRL | Hârlău, str. Abatorului nr. 1, jud. Iași, cod 705100 |
| 165 | MM 990 | S.C. Toto SRL | Lăpușel, jud. Maramureș, 437227 |
| 210 | PH 5451 | S.C. Filipescarom SRL | Filipeștii de Pădure, Str. Rotărești 839, jud. Prahova, 107245 |
| 212 | PH 5775 | S.C. Domidene SRL | Posești, jud. Prahova, 107440 |
| 214 | PH 6012 | S.C. Carnsan Prod SRL | Filipeștii de Pădure, str. Principală, nr. 941, jud. Prahova, cod 107245 |

Stabbilimenti tal-laħam tat-tjur

| Nru | Approvazzjoni veterinarja | Isem l-istabbiliment | Indirizz |
|-----|---------------------------|------------------------------|---|
| 9 | BV 11 | S.C. Avicod SA | Codlea extravilan, jud. Brașov, 505100 |
| 19 | IL 0745 | S.C. Avicola Slobozia SA | Slobozia, Șos. Buc-Constanța km 5-6, jud. Ialomița, 920150 |
| 46 | NT 100 | SC Gradinaru Rares SNC (EPC) | Sat Izvoare, Com. Dumbrava Roșie, jud. Neamț, cod poștal 617185 |
| 47 | NT 269 | SC Morosanu Prest SRL (EPC) | Sat Izvoare, Com. Dumbrava Roșie, jud. Neamț, cod poștal 617185 |

Imħażen ta' tkessiħ

| Nru | Approvazzjoni veterinarja | Isem l-istabbiliment | Indirizz |
|-----|---------------------------|---------------------------------|---|
| 1 | AR 4268 | SC. Frigo HM 2001 S.R.L. | Arad, str. Calea 6 Vânători nr. 55, jud. Arad, 301061 |
| 5 | AR 6057 | SC. Filip D Impex S.R.L. | Arad, str. Poetului 97-103, jud. Arad, 310352 |
| 67 | IF 353 | SC Pasha Ice Land Warehouse SRL | Afumați, șos. București-Urziceni nr. 34, jud. Ilfov, 077010 |
| 72 | IF 160 | SC Tar 93 SRL | 1 Decembrie, str. 1 Decembrie nr. 264, jud. Ilfov, 430306 |

| Nru | Approvazzjoni veterinara | Isem l-istabbiliment | Iindirizz |
|-----|--------------------------|---------------------------------|--|
| 105 | B 883 | SC Mantra Meat SRL | București, b-dul Timișoara nr. 52, sector 6, 061316 |
| 106 | B 736 | SC Stenyon Com SRL | București, b-dul Timișoara nr. 59, sector 6, 061317 |
| 109 | B 473 | SC R Family Prod Serv SRL | București, str. Valea Merilor nr. 34, sector 1, 011272 |
| 110 | B 447 | SC Marchand SRL | București, str. Ion Garbea nr. 26, sector 5, 050683 |
| 111 | B 432 | SC Tabco Campofrio SRL | București, str. Dr. Hârlescu, sector 2, 021505 |
| 114 | B 380 | SC Arlina Prod Com Impex SRL | București, b-dul Timișoara nr. 52, sector 6, 061316 |
| 115 | B 328 | SC Nordic Import Export Com SRL | București, str. Calea Vitan 240, sector 3, 031301 |
| 116 | B 254 | SC Spar SRL | București, b-dul Timișoara nr. 52, sector 6, 061316 |
| 119 | B 176 | SC Metim Fruct Impex SRL | București, b-dul Iuliu Maniu nr. 566-570, sector 6, 061101 |
| 125 | B 20 | SC Stenyon Com SRL | București, b-dul Timișoara nr. 52, sector 6, București, 061317 |
| 126 | B 8 | SC Elixir CD SRL | București, str. Mărgeanului nr. 14, sector 5, 05106 |
| 128 | B 137 | SC Asil 2000 Trading Impex SRL | București, b-dul Iuliu Maniu nr. 566-570, sector 6 061129 |
| 129 | B 58 | SC Frig Pro SRL | București, b-dul. Iuliu Maniu nr. 566-570, sector 6, 061101 |
| 130 | B 321 | SC Uno International Eximp SRL | București, str. Chitilei nr. 3, sect. 1, 012381 |
| 132 | B 176 | SC Select 95 SRL | București, b-dul Iuliu Maniu nr. 566-570, 061101 |
| 133 | B 236 | SC Negro 2000 SRL | București, b-dul Splaiul Unirii 162, sector 4, 040042 |

Stabbilimenti tal-ħut

| Nru | Approvazzjoni veterinara | Isem l-istabbiliment | Iindirizz |
|-----|--------------------------|-------------------------------|--|
| 8 | IS 05 | SC Cordial M.V. SRL | Iași, șos. Păcurari nr. 153, jud. Iași, 700544 |
| 9 | IF 2850 | SC Sardes Trades Industry SRL | 1 Decembrie, șos. București-Giurgiu, jud. Ilfov, 077005 |
| 11 | TM 4675 | SC Sabiko Impex SRL | Calea Sagului nr. 141-143, Timișoara, jud. Timiș, 300514 |

Stabbilimenti tal-ħalib u prodotti tal-ħalib

| Nru | Approvazzjoni veterinara | Isem l-istabbiliment | Iindirizz |
|-----|--------------------------|----------------------|--------------------------------------|
| 13 | BC 4759 | SC Aic Bac SA | Săucești, jud. Bacău, 627540 |
| 37 | BT 547 | SC Orizont 2000 SRL | Vorona, jud. Botoșani |
| 42 | BR 24 | SC Lacta Prod SRL | Brăila, jud. Brăila, 810074 |
| 124 | MM 807 | SC Roxar SRL | Cernești, jud. Maramureș, 437085 |
| 175 | SV 2070 | SC Balaceana SRL | Bălăceana, jud. Suceava, 727125 |
| 176 | SV 3834 | SC Niro Serv Com SRL | Gura Humorului, jud. Suceava, 725300 |

CORRIGENDUM

Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 149/2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Jannar 2008 billi jstabbilixxi l-Annessi II, III u IV li jstipulaw il-livelli massimi ta' residwi għall-prodotti koperti mill-Anness I tiegħu

(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 58, tal-1 ta' Marzu 2008)

Fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 149/2008, tabella "Anness II, MRLs li qabel kienu ddefiniti taħt id-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE, imsemmija fl-Artikolu 21(1)" taħt il-kumbinazzjonijiet:

Bromopropylate – numru tal-kodiċi 0130000:

minflok: "2";

aqra: "2 (3)".

Carbaryl (F) – numru tal-kodiċi 0231040:

minflok: "1";

aqra: "0,05 (*)".

Carbaryl (F) – numru tal-kodiċi 0239000:

minflok: "1";

aqra: "0,05 (*)".

Carbaryl (F) – numru tal-kodiċi 0251060:

minflok: "1";

aqra: "0,05 (*)".

Carbaryl (F) – numru tal-kodiċi 0251080:

minflok: "1";

aqra: "0,05 (*)".

Carbaryl (F) – numru tal-kodiċi 0260050:

minflok: "1";

aqra: "0,05 (*)".

Diquat – numru tal-kodiċi 0401140:

minflok: "0,1";

aqra: "0,5".

Disulfoton (l-ammont tad-*disulfoton*, is-sulfossid tad-*disulfoton* u s-sulfon tad-*disulfoton* espressi bħala *disulfoton*) (F) – numru tal-kodiċi 0500090:

minflok: "0,02 (*)";

aqra: "0,1".

Disulfoton (l-ammont tad-*disulfoton*, is-sulfossid tad-*disulfoton* u s-sulfon tad-*disulfoton* espressi bħala *disulfoton*) (F) – numru tal-kodiċi 0500020:

minflok: "0,1";

aqra: "0,02 (*)".

Fluroxyppyr (*fluroxyppyr* inklużi l-esters espressi bħala *fluroxyppyr*) (R) – numru tal-kodiċi 0500020:

minflok: "0,1";

aqra: "0,05 (*)".

Prochloraz (l-ammont ta' *prochloraz* u l-metaboliti tagħha li fihom 2,4,6-*Trichlorophenol* moiety espressi bħala *prochloraz*) – numru tal-kodiċi 0500020:

minflok: “0,5”;

aqra: “0,05 (*)”.

Prochloraz (l-ammont ta' *prochloraz* u l-metaboliti tagħha li fihom 2,4,6-*Trichlorophenol* moiety espressi bħala *prochloraz*) – numru tal-kodiċi 0500060:

minflok: “0,05 (*)”;

aqra: “1”.

Prochloraz (l-ammont ta' *prochloraz* u l-metaboliti tagħha li fihom 2,4,6-*Trichlorophenol* moiety espressi bħala *prochloraz*) – numru tal-kodiċi 0213070:

minflok: “5”;

aqra: “0,05 (*)”.

Vinclozolin (ammont ta' *vinclozolin* u l-metaboliti kollha li għandhom 3,5-*dichloranilinemoiety*, espressi bħala *vinclozolin*) (R) – in-numru tal-kodiċi 0300030:

minflok: “0,05 (*)”;

aqra: “0,5”.

Vinclozolin (ammont ta' *vinclozolin* u l-metaboliti kollha li għandhom 3,5-*dichloranilinemoiety*, espressi bħala *vinclozolin*) (R) – in-numru tal-kodiċi 0300010:

minflok: “0,05 (*)”;

aqra: “0,5”.

NOTA LILL-QARREJ

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.